DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1946

tal-10 ta' Ottubru 2022

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1937 fir-rigward tat-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord Fiskali Ewropew

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 ([1]) li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti. Id-Deċiżjoni fiha dispożizzjonijiet dwar il-missjoni u l-kompiti, il-kompożizzjoni, l-indipendenza u l-funzjonament tal-Bord Fiskali Ewropew ("il-Bord") u s-segretarjat tiegħu.

(2) Il-Bord jagħti pariri lill-Kummissjoni meta din tal-aħħar teżerċita l-funzjonijiet tagħha fir-rigward tas-sorveljanza fiskali multilaterali.

(3) Il-President u erba' membri tal-Bord inħatru mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2016 ([2]), u l-mandat tagħhom iġġedded fl-10 ta' April 2019 ([3]). Fid-9 ta' Settembru 2020, membru tal-Bord irriżenja, u l-Kummissjoni sussegwentement ħatret membru ġdid għal mandat ta' tliet snin. Il-mandat tal-President u tat-tliet membri l-oħra tal-Bord jiskadi fid-19 ta' Ottubru 2022.

(4) Rieżami tal-qafas fiskali tal-UE ġie sospiż minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Imbagħad tnieda mill-ġdid bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2021 "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika' u għadha għaddejja.

(5) Minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, fl-20 ta' Marzu 2020 il-Kummissjoni pproponiet l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Kunsill approva l-proposta. Il-klawżola għandha tiġi applikata sal-2023.

(6) Meta jitqiesu l-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll il-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija li rriżultat, il-kundizzjonijiet ekonomiċi eċċezzjonali attwali għandhom ukoll impatt fuq il-prattiki ta' sorveljanza fiskali.

(7) Estensjoni oħra tal-mandat tal-membri tal-Bord għandha tkun possibbli f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

(8) Skont l-Artikolu 3(7) u 3(8) tad-Deċiżjoni, il-Bord huwa appoġġat minn segretarjat. L-awtorità tal-ħatra fil-Kummissjoni għandha tkun tista' tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-kontinwità tas-segretarjat, biex taqbel mal-mandat tal-Bord, għall-istess raġunijiet.

(9) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1937 tiġi emendata skont dan,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 tal-21 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti (ĠU L 282, 28.10.2015, p. 37).
([2]) PV(2016) 2186 final, p. 10.
([3]) PV(2019) 2291 final, p. 22.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1937, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-mandati tagħhom jistgħu jiġu estiżi b'perjodu ta' mhux aktar minn sentejn".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1937, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-mandat tal-Kap tas-Segretarjat jista' jiġi estiż mill-awtorità tal-ħatra f'konformità mal-mandat tal-Bord."

Magħmul fi Strasburgu, l-10 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN